**11 ta' Diċembru, 1967**

**Imħallfin**

**S.T.O. Prof. Sir Anthony J. Mamo, O.B.E., C.St.J., Q.C., B.A., LL.D. — President**

**Onor. Prof. J.J. Cremona, K.M., LL.D., B.A., D.Litt. (Rome), B.A. Hons. (Lond.), Ph.D. (Lond.), F.R.Hist.S. — Viċi-President**

**Onor. J. Flores, B.L. Can., LL.D.**

Joseph Barbara, A. & C.E. et

*versus*

Joseph Meli Bugeja noe

**Lokazzjoni — Ħsara — Fond danneġġjat — Tiswija ta' — Żgumbrament — Ċitazzjoni — nullità ta' — Talba inċerta u oskura.**

*F'dina l-kawża l-Qorti lliberat lill-konvenut mill-osservanza tal-ġudizzju billi t-talba tal-attur fiċ-ċitazzjoni biex dan jiġi żgumbrat halli jagħmel tiswijiet fil-fond lokat ma kienitx ċara biżżejjed.*

Il-Qorti, rat l-att taċ-ċitazzjoni quddiem il-Qorti tal-Kummerċ tal-Maestà Tagħha r-Reġina li bih l-atturi premessi d-dikjarazzjonijiet u l-provvedimenti neċessarji, wara li ppremettew illi l-konvenut jiddetjieni b'lokazzjoni l-fondi numri wieħed u tnejn (1-2), Timber Wharf u numru wieħed u tmenin (81) Fishermen Street, Marsa, proprietà tal-atturi; illi (kif ġie deċiż b'sentenza tal-Qorti tal-Kummerċ tad-19 ta' Awissu, 1966, konfermata mill-Qorti tal-Appell b'sentenza tat-13 ta' Jannar, 1967) il-fondi huma talment danneġġjati b'effetti tal-gwerra, li biex jiġu riparati jridu jiġu demoliti totalment u ri-

kostruiti; illi l-atturi jridu, imħabba din il-ħsara, jiddemolixxu u jirrikostruwixxu l-korp ta' beni li minnu l-imsemmija fondi jiffurmaw parti; u l-atturi lanqas jistgħu jirritardjaw dan ix-xogħol għaliex *inkellha jistgħu jitilfu l-kumpens tal-War Damage Commission*; u illi biex isiru x-xogħlijiet neċessarji, il-konvenuti jridu jiżgumbraw l-istess fondi; talbu illi l-konvenuti, għar-raġunijiet premessi, jiġu kundannati biex fi żmien qasir u perentorju jiżgumbraw mill-imsemmija fondi biex l-istess fondi jkunu disponibbli ħalli l-atturi jkunu jistgħu jagħmlu x-xogħlijiet neċessarji (ta' demolizzjoni u rikostruzzjoni) biex tissewwa sewwa l-ħsara kaġonata mill-gwerra fl-imsemmija fondi. Bl-ispejjeż.

Rat in-nota tal-eċċezzjonijiet tal-konvenut li biha eċċepixxa preliminarment l-inkompetenza ta' dik il-Qorti stante li si *tratta ta' żgumbrament minn fond urban f'perjodu ta' rilokazzjoni*, u għalhekk it-tribunal kompetenti huwa l-Board li Jirregola l-Kera — salvi eċċezzjonijiet oħra;

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti tad-19 ta' Mejju, 1967 li biha (1) ċaħdet l-eċċezzjoni ta' inkompetenza, bl-ispejjeż u (2) illiberat lill-konvenut mill-osservanza tal-ġudizzju, bl-ispejjeż wara li kkunsidrat —

Omissis

*Rat in-nota ta' l-appell ta' l-atturi u l-petizzjoni tagħhom* li biha talbu li dik is-sentenza tiġi riformata billi tiġi konfermata fejn ċaħdet l-eċċezzjoni ta' inkompetenza bl-ispejjeż kontra l-konvenut u tiġi revokata fejn illiberat lill-istess konvenut mill-osservanza tal-ġudizzju billi konsegwentement it-talba ta' l-istess appellant tiġi milqugħa bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-appellat.

Rat ir-risposta ta' l-appellat li qal illi s-sentenza appellata hi ġusta u tistħoqq konferma bl-ispejjeż.

Rat l-atti kollha tal-kawża, semgħet it-trattazzjoni u kkunsidrat —

L-ewwelnett bis-sentenza appellata ġie deċiż illi, kif hi konċepita ċ-ċitazzjoni, it-talba mhix ta' kompetenza tal-Bord li Jirregola l-Kera. Minn dik il-parti tas-sentenza ma hemmx appell u dik il-kwistjoni m'hijiex, għalhekk, quddiem din il-Qorti u fuqha ma qiegħda u ma tista' tiġi espressa ebda opinjoni.

L-appell hu limitat in kwantu li bis-sentenza appellata l-appellat ġie liberat mill-osservanza tal-ġudizzju. L-ewwel Onorabbli Qorti, wara li irrilevat illi l-appellanti, fil-kors tal-kawża, urew ċar li jridu l-iżgumbrament definitiv u mhux provviżorju biss sa kemm isiru t-tiswijiet, irriteniet illi biex jiġi mill-Qorti ordnat l-iżgumbrament trid qabel xejn issir talba għax-xoljiment tal-lokazzjoni u din tiġi milqugħa għaliex inkwilin ma jistax jiġi żgumbrat sakemm ikun hemm għaddej favur tiegħu terminu korrenti ta' lokazzjoni jew rilokazzjoni.

L-appellanti jsostnu illi fiċ-ċitazzjoni huma ma talbux sempliċement l-iżgumbrament, imma l-iżgumbrament "ħalli jkunu jistgħu jagħmlu x-xogħlijiet neċessarji" u dan juri biċċar — huma jgħidu — illi l-kelma "żgumbrament" ma hijiex ħag'oħra ħlief allontanament ta' l-appellat mill-fond biex il-fond jista' jissewwa kif għandu jkun; bl-ebda sforz ma jista' jingħad — jissoktaw jgħidu l-appellati — illi l-iżgumbrament mitlub biex isiru x-xogħlijiet neċessarji ma jġib awtomatikament ix-xoljiment tal-lokazzjoni kif donnha argomentat l-ewwel Onorabbli Qorti.

Fuq dan il-punt, l-ewwel Onorabbli Qorti, kif ġa ntqal, ir-

rilevat fis-sentenza appellata illi quddiemha l-appellanti wrew bić-ċar illi dak li tassew iridu huwa l-iżgumbrament definitiv u mhux sempliċement provviżorju sakemm isiru t-tiswijiet; u din il-Qorti, fin-nuqqas ta' elementi fil-proċess, ma tistax s'intendi tiddubita mill-akkuratezza ta' dik l-affermazzjoni. Del resto li l-iżgumbrament għal kollox tal-appellat hu l-mira reali tal-appellanti deher ukoll ċar fit-trattazzjoni ta' l-appell. Il-kliem stess taċ-ċitazzjoni fejn tissemma "demolizzjoni totali u rikostruzzjoni" pjuttost jissuġġerixxu żgumbrament definittiv milli allontanament provviżorju sakemm isiru "tiswijiet". U jekk dan hu hekk, hu evidenti, fil-fehma ta' din il-Qorti, illi l-argomentazzjoni ta' l-ewwel Onorabbli Qorti hi korretta.

Alternativament, l-aqwa li jista' jingħad favur l-appellanti hu illi l-mod tal-formulazzjoni taċ-ċitazzjoni tagħhom, għal dik li hi l-azzjoni eżerċitata u t-talba, hu oskur u inċert. Din l-oskurità u nċertezza ta' azzjoni eżerċitata tirriżulta proklamata mid-diversi dispożizzjonijiet ta' liġi nvokati fil-petizzjoni mill-istess appellanti, fejn semmew l-artikoli 1637, 1643(a) u 1644 tal-Kodiċi Ċivili flimkien mad-dispożizzjonijiet ġenerali ta' l-obbligazzjonijiet. L-ewwel artikolu (1637) jikkontempla l-każ ta' riparazzjonijiet urġenti ma tul il-kiri li jistgħu talvolta anki jipprivaw lill-kerrej minn parti tal-fond, u jissoponi l-perdurazza tal-lokazzjoni waqt li t-tiswijiet qed isiru u wara. (Fiċ-ċitazzjoni kif ġa ntqal hi kontemplata d-demolizzjoni totali u r-rikostruzzjoni tal-fond bla ma jirriżulta kif eventwalment ser jiġi rikostruwit).

Imbagħad, l-appellanti jsemmu l-art. 1643(a). Din id-dispożizzjoni tgħid fost ħwejjeġ oħra illi l-kerrej għandu jinqeda bil-ħaġa mikrija bħala missier tajjeb tal-familja. Jekk minn din id-dispożizzjoni, ċitata mill-appellanti, tista' tinġibed xi inferenza rilevanti għall-każ, din l-inferenza tista' tkun biss illi l-ksur ta' dik l-obbligazzjoni da parti tal-kerrej jista' jwassal għar-riżoluzzjoni tal-kuntratt, u dan jidher li kien f'moħħ' l-appellant li nvokaw anki l-artikolu 1644.

L-appellanti nvokaw wkoll "id-dispożizzjonijiet ġenerali dwar l-obbligazzjonijiet". Hawn wkoll mhux ċar x'rilevanza dawn id-dispożizzjonijiet jista' jkollhom għall-każ: l-unika inferenza li l-Qorti tista' taħseb fiha, li setgħet kienet f'moħħ l-appellanti, hi illi l-ksur ta' l-obbligazzjoni da parti waħda f'kuntratt sinallagmatiku jista', similment, jagħti lok għar-riżoluzzjoni tal-kuntratt.

Dan vuoldiri illi l-appellanti jaħsbu li jistgħu jsostnu l-azzjoni tagħhom fuq il-bażi ta' dispożizzjonijiet svarjati tal-liġi li jagħtu lok għal rimedji diversi fl-essenza tagħhom, bla ma jgħidu kjarament liema minn dawk ir-rimedji tassew iridu jew qed jitolbu. Ovvjament il-Qorti ma tistax tordna l-iżgumbrament ta' l-appellat fil-għama, jiġri x'jiġri wara, u anqas l-appellat ma jista' jiddefendi ruħu kontra t-talba ta' l-appellanti bla ma jaf kjarament xqegħdin jitolbu u liema dispożizzjoni tal-liġi tintitolahom jagħmlu t-talba. Jekk, kif issa l-appellanti qegħdin jgħidu fil-petizzjoni li huma "m'humiex jitolbu f'din il-kawża x-xoljiment tal-lokazzjoni imma qegħdin jitolbu biss l-iżgumbrament waqt il-lokazzjoni biex (dejjem waqt il-lokazzjoni) jsiru x-xogħlijiet" u jippretendu li talba simili tista' ssir bis-saħħa ta' l-imsemmi artikolu 1637, iċ-ċitazzjoni u t-talba tagħhom għandhom ikunu formulati konformement b'mod li jirriflettu tant l-azzjoni kemm ir-rimedju kif kontemplati mil-liġi. S'intendi dan ma jfissirx illi l-appellanti kienu obbligati li jindikaw fiċ-ċitazzjoni l-artikolu partikolari tal-liġi: iżda huma kienu indubbjament obbligati jiffurmulaw iċ-ċitazzjoni b'mod illi minnu jidher ċar dak li tassew iridu u b'mod illi d-dispożizzjoni jew dispożizzjonijiet tal-liġi li fuqhom jippretendu li t-talba tista' tkun sorretta jistgħu jiġu individwati.

Għal dawn il-motivi il-Qorti tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata fil-kap devolut lilha b'dan l-appell bl-ispejjeż kontra l-appellanti.